MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 244/2008

**S & R (Handaq) Limited**

**V**

**Coralline Stone Malta Limited.**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-ghorin (20) ta’ Gunju 2008 permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta ihallsuha s-somma ta’ sebat elef tlett mija erbgha u tmenin euro (Euro 7384 ekwivalenti ghal LM 3,196.95) dovuti minnha lir-rikorrenti bhala bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta’ *epoxy paint* mibjugh lilha u xoghol t’applikazzjoni tal-istess zebgha ezegwit fuq ordni taghha stess gewwa l-Head Office tal-Bank of Valletta, f’Santa Venera (fattura u *statement* esebiti bhala Dok. SR 1 u 2).

Illi minkejja kemm il-darba weghdet li ser thallas l-ammont mitlub, hija baqghet inadempjenti anke wara li giet

interpellata b'ittra legali tal-hdax (11) ta' Jannar 2007 (Dok. SR 3) u b'Ittra Ufficcjali mibghuta ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata hamsa (5) ta' Marzu 2007, liema ittra giet minnha kkontestata (Dok. SR 4).

Bl-ispejjes gudizzjarji u extra gudizzjarji relattivi ghal din it-talba inkluz tal-Ittra Ufficcjali fuq imsemmija kif ukoll bl-imghaxijiet legali bl-oghla rati ai termini tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta ikkalkulati mid-data tal-fattura sal-pagament effettiv kontra taghha minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta konvenuta kienet debitament notifikata bl-avviz in kwistjoni nhar it-tletin (30) ta' Lulju 2008 skond it-timbru tal-Marixxal Stephen Agius a fol. 11 tergo.

Rat illi fis-seduta tat-tnax (12) ta' Novembru 2008 is-socjeta konvenuta giet imsejha diversi drabi izda baqghet ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici, ssib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sebat elef tlett mija erbgha u tmenin euro (Euro 7384 ekwivalenti ghal LM 3,196.95) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------